**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 15**

**It-Tlieta, 11 ta' Frar 2026**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.10 p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Ray Abela, l-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Abigail Camilleri u l-Onor. Ivan Castillo.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 14 ġew approvati.

Quddiem il-Kumitat kien hemm l-emendi kif proposti mill-Membri tal-Kumitat kif kienu mifthiema f'Novembru 2025.

Dok 32: Emendi għal-Linji Gwidi tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet

Bil-permess tal-kumitat, l-Onor. Chris Agius talab biex jinqraw biss dawk il-linji gwidi li kien hemm emendi fihom.

**Linja gwida 2.1 żdiedu l-kliem**

Wara emendi li saru għall-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati fl-2016, minbarra petizzjonijiet bil-miktub li jiġu ppreżentati minn Membri Parlamentari f'isem iċ-ċittatidini, huwa possibbli li kull persuna li għandha karta tal-identitá maħruġa f'Malta <u>*u li għandhom età ta' 16-il sena jew aktar,*</u> tissottometti petizzjoni direttament lill-Parlament b'mod elettroniku minn fuq is-sit uffiċjali tal-Parlament.

Il-Kumita qabel ma' din l-emenda.

**Linja gwida 3.2**

" Petizzjoni tista' tiġi ppreżentata bil-Malti <u>*u*</u> bl-Ingliż."

Fuq din l-emenda, saret diskussjoni u ġie enfazzizat li kemm-il Malti kif ukoll l-Ingliż huma lingwi uffiċjali u għalhekk din kellha tinbidel għal dan li ġej:

**Linja gwida 3.2**

" Petizzjoni tista' tiġi ppreżentata bil-Malti *jew* bl-Ingliż."

Il-Kumitat qabel ma' din l-emenda kif proposta.

**Linja Gwida 7.1**

"Kull petizzjoni meqjusa ammissibbli tiġi referuta lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet wara li jagħlaq il-perjodu li fih tkun miftuħa għall-firem. L-ordni li fiha l-Kumitat jagħżel li jittratta kull petizzjoni referuta lilu, tkun deċiża mill-istess Kumitat.

*Petizzjoni li jkollha bejn 80 u 100 firma, il-Kumitat għandu jgħaddiha lill-Ministeri, entitajiet jew uffiċjali oħra biex tingħata rimarka jew risposta fuqha. Iż-żmien għal tali rimarka għandu jkun ta bejn 14-il u 21 ġurnata. Jekk id-dipartiment ma jkunx ta' rimarka f'dan iż-żmien stipulat, il-kumitat jista' jagħti estenzjoni ta' 15-il ġurnata.*

*F'każ li wara dan iż-żmien stipulat il-kumitat ma jkollux tweġiba, il-Kumitat għandu*
- *jirrapporta n-nuqqas fuq il-Mejda tal-Kamra;*
- *jista' jsejjaħ lill-Ministru responsabbli; jew*
- *jagħmel rakkomandazzjonijiet ta' follow-up*

*Petizzjoni li tiġbor 'il fuq minn 800 firma, tista' tiġi kkunsidrata għal dibattitu fil-Kamra.*"

Saret diskussjoni fuq din l-emenda. L-Onor. Castillo saħaq li ma kienx hemm iddetterminat x'jiġri jekk petizzjoni jkollha bejn firma waħda u 79 firma. Il-Kumitat qabel li tali petizzjonijiet xorta għandhom jingħataw importanza u għalhekk qabel li tinbidel l-ewwel parti tal-emenda u jiġu eliminati l-ammonti ta 80 u 100 firma. Fir-rigward tat-tieni parti, l-Onor. Castillo rrimarka li bħalissa ġa qiegħed issir l-istess ħaġa fejn il-kumitat 'jista'' jirrakkomda petizzjoni lill-Kamra tad-Deputati. Għalhekk il-kumitat qabel li f'dan il-każ, jirrakkomanda lill-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra biex tali petizzjonijiet li jiġbru ammont kbir ta' firem, ikunu jistgħu jitilgħu fuq l-aġenda tal-Parlament jekk il-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra jaqbel li jsir hekk.

Għalhekk il-linja gwida 7.1 ġiet taqra hekk:

"Kull petizzjoni meqjusa ammissibbli tiġi referuta lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet wara li jagħlaq il-perjodu li fih tkun miftuħa għall-firem. L-ordni li fiha l-Kumitat jagħżel li jittratta kull petizzjoni referuta lilu, tkun deċiża mill-istess Kumitat.

*Kull Petizzjoni li tiġbor 800 firma, il-Kumitat għandu jgħaddiha lill-Ministeri, entitajiet jew uffiċjali oħra biex tingħata rimarka jew risposta fuqha. Iż-żmien għal tali rimarka għandu jkun ta bejn 14-il u 21 ġurnata. Jekk id-dipartiment ma jkunx ta' rimarka f'dan iż-żmien stipulat, il-kumitat jista' jagħti estenzjoni ta' 15-il ġurnata.*

*F'każ li wara dan iż-żmien stipulat il-kumitat ma jkollux tweġiba, il-Kumitat għandu*
- *jirrapporta n-nuqqas fuq il-Mejda tal-Kamra;*
- *jista' jsejjaħ lill-Ministru responsabbli; jew*
- *jagħmel rakkomandazzjonijiet ta' follow-up*

*Petizzjoni li tiġbor 'il fuq minn 800 firma, il-Kumitat jirrakomandha lill-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra biex din tiġi diskussa fil-Kamra tar-Rappreżentanti u tkun allokata ħin fil-Plenarja.*"

**Linja Gwida 9**

" ***AI Pre-Screening:***

*Sistema tal-Intelliġenza Artifiċjali tiġi implimentata sabiex:*

- *tiddentifika kliem mhux ammissibbli*
- *tinforma lill-petizzjonant u tippermetti korrezzjoni qabel il-pubblikazzjoni.*

***Status Tracker għall-Pubbliku***

*Portal Diġitali aġġornat li juri:*

- *L-istatus tal-petizzjoni*
- *Il-progress tal-firem*
- *Ammissibilità*
- *Laqgħat skedati*
- *Risposti*
- *Rapporti finali*

***Notifiki Awtomatiċi***

*Il-persuna tirċievi notifika għal:*

- *Ammissjoni*
- *Laqgħat tal-kumitat*
- *Risposti mill-Gvern*
- *Konklużjonijiet*

***Open Data***

- *Kull Petizzjoni (ammissibbli jew miċħuda, tiddaħħal f'database pubbliku sakemm ma tinkisirx il-protezzjoni tad-data)"*

Il-Kumitat qabel ma' din il-linja gwida li nħolqot għall-ewwel darba biex tirrifletti t-teknoloġija tal-lum kif ukoll biex tagħti aktar dettalji lil min jagħmel petizzjoni jew inkella jżur is-sit tal-petizzjoniijet.

Il-Kumitat b'hekk eżawrixxa l-aġenda u qabel li għandhom issiru l-emendi kif ġie diskuss waqt il-laqgħa u jerġa' jintbagħat id-dokument rivedut. Kif ikun hemm konferma tal-membri, id-dokument għandu jgħaddi għand il-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra biex jiġi approvat u jkunu jistgħu jkomplu jaraw il-petizzjonijiet li hemm pendenti, b'dawn il-linji gwida.

Fit-3:35pm, il-Kumitat aġġorna għal laqgħa oħra li tiġi kkomunikata aktar tard.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**